**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 696/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Issa Isslam Tawfik**

Illum is-16 ta' Gunju 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Issa Isslam Tawfik**, ta' 44 sena, bin Tawfik u Emna Issa, imwieled f'Beheira Egittu fil-25 ta' Novembru 1969, u li joqghod f'Abbey Court, Flt 2, Triq Atocia, Hamrun. Detentur tal-passaport Egizzjan numru 573905 u tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru 20380A

**Akkuzat** talli f'Mejju 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kapitlu 9, Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgħajt tagħrif falz;

4. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni oħra jew xjentement ghamilt użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fi proċeduri ċivili jew kriminali, ġegħelt li jsir jew xjentement iġib, dokument falz;

6. Aktar talli ghamilt affidavit falz, waqt li kont taf li dak l-affidavit kien meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta;

7. Kif ukoll talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bil-ħsieb li testorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li taghmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, gheddidt li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil Michael Bugeja ta' Bilom Group jew xi persuna ohra;

8. U talli hlift il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.

9. U b'hekk int, Issa Isslam Tawfik, sirt recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Imhallef J. Galea Debono LL.D. fit-2 ta' Frar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tenna li ma kienx hatji ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat illi f'din il-kawza kienet diga inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura ppresjeduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Anthony Vella nhar it-23 ta' Novembru 2017[2].

Rat illi din is-sentenza giet appellata u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali pprejeduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera annullat s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*"doppio esame"*, irrinvijat l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

---

[1] Folio 9 ta' l-atti processwali

[2] Folio 286-291 ta' l-atti processwali

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi.[3]

Rat li fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2019 u s-7 ta' Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Fatti tal-kaz**

Illi dan il-kaz jirrizulta wara li l-pulizija irceviet kwerela minn ghand il-parte civile Michael Bugeja bhala rapprezentant ta' Bilom Group fejn il-pulizija intalbet sabiex tinvestiga kaz fejn l-imputat kien ghamel dikjarazzjoni falza b'intenzjoni li jestorci flus minn ghand il-kwerelant. Illi l-imputat kellu negozju ghal rasu fejn kien jaghmel xoghol ta' kisi u tibjid. L-imputat tul iz-zmien u qabel din il-kawza kellu diversi kuntratti ta' xoghol mal-kwerelant u l-kumpanniji tieghu. Illi l-imputat kien ilmenta li ma kienx thallas ta' xogholu minnghand il-kumpannija Bilom u per konsegwenza irregistra privilegg specjali ai termini tal-ligijiet civili biex ihares id-drittijiet tieghu ghal dan il-hlas billi ha gurament quddiem nutar pubbliku u irregistra din il-procedura. Il-kwerelant minn nahha tieghu kien oggezzjona ghal din l-azzjoni ta' l-imputat kemm b'kawzi civili kif ukoll permezz ta' kwerela mertu ta' dan il-kaz.

[3] Folio 18 - 25 tat-tieni process

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Yvonne Farrugia**[4], stazzjonata fl-*Economic Crimes Unit* xehdet nhar id-19 ta' Settembru 2014 fejn hija stqarret illi aktar kmieni matul dik is-sena, il-Pulizija irrceviet kwerela minghand Dr Chris Cilia li jirraprezenta lis-Sur Michael Bugeja ta' Bilom Grou ta' Haz-Zebbug fejn il-Pulizija giet mitluba sabiex tinvestiga kaz fejn certu Issa Isslam Tawfik kien ghamel dikjarazzjoni falza b'intenzjoni li jistorci flus minghand il-kwerelant. Dana aktar kmieni din is-sena s-Sur Tawfik kien irregistra privilegg specjali bin-numru ta' referenza three four four two (3442) tal-elfejn u erbatax (2014) tramite I-Avukat Victor Bugeja fejn huwa iddikjara illi ghandu jiehu xi flus minghand hames (5) Kumpaniji differenti li jiffurmaw parti mill-Bilom Group. Dawn huma Bilom Construction Ltd C-48672; Bilom Finishings Ltd C-59846; Bilom Properties Ltd C-48515; Bilom Tiles & Decor Ltd C-62236; Bilom and Bugeja Ltd C-31823. F'dan il-privilegg specjali s-Sur Tawfik kien allegatament iddikjara falz illi huwa ghandu jiehu sittax il-elfu tmien mitt euro (€16,800) minn dawn il-Kumpaniji fuq finishes illi huwa kien ghamel u materjal li uza fi tlett (3) siti differenti li huma Coventry Court, Triq Dr. Guze' Miceli, il-Gzira, Tar-Razzett Complex, Triq il-Mithna, Attard, u Amber Court, Triq Hal Qormi, Santa Venera. Skont is-Sur Bugeja meta dan kien mitkellem, Tawfik qatt ma kien gie ingaggat biex jaghmel xogholijiet minn dawn il-kumpaniji u

[4] Folio 14-20 ta' l-atti processwali

aktar minn hekk is-Sur Bugeja stqarr li dawn il-propjetajiet li ssemmew minn Tawfik ma jaghmlux parti mill-assi ta′ dawk il-kumpaniji li huma rregistrati fil-privilegg specjali. Ghar-rigward tal-ewwel (1) propjeta' fil-Gzira, din kienet giet zviluppata taht 4B's Limited, it-tieni (2) kumpanija kienet giet zviluppata t-tieni (2) sorry, it-tieni (2) propjeta' gewwa H′Attard kienet giet zvilluppata minn Cliffhanger Developments Limited u t-tielet (3) blokka li tinsab gewwa Santa Venera minn Bugeja Developments Limited. II-kwerelant ikkonferma illi fil-passat is-Sur Tawfik kien hadem ghalih ukoll. Kien hadem fl-ewwel zewg, I-ewwel zewg propjetajiet li huma tal-Gzira u H'Attard. Fejn ikkonferma illi dan ta' dan ix-xogholijiet li kien wettaq huwa kien thallas bis-shih u ma kien hemmx pagamenti pendenti fdan ir-rigward. Is-Sur Bugeja kien ukoll ghadda lil Pulizija kopja ta′ dawn il-pagamenti li kienu saru lil Tawfik kif ukoll dokumenti ohra fejn jindikaw Ii kien hemm li I-bilanci bejn il-partijiet kienu ssetiljati. Dana wkoll kien ikkonfermat permezz ta' dokument bil-miktub datat fl-ghoxrin (20) ta′ Dicembru 2010. Li kien gie wkoll imhejji quddiem in-Nutar Sharon Faith Farrugia fejn is-Sur Tawfik kien u raprezentant tas-Sur Bugeja kienu ffirmaw illi x-xoghol li saru u gew iffinixjati,kienu gew imhallsa. Minn dak li qalilna s-Sur Bugeja fit-tlettax (13) ta′ Mejju 2014, is-Sur Tawfik kien rega' dahhal privilegg specjali iehor li jigi t-tieni wiehed allura li, li kellu numru tat registrazzjoni, n-numru ta′ registrazzjoni H6053 tat-2014 fejn din id-darba qal illi ddikjara illi ghandu jiehu disgha t'elef sebgha mija u tmenin euro (€9,780). Din id-darba t-tieni privilegg specjali ghamlu tramite n-Nutar Michael Laferla u f'dan il- privilegg specjali huwa allegatament iddikjara falz illi huwa ghamel xi xogholijiet f′Amber Court, f′Santa Venera ghal kumpanija Bugeja Developments Limited u li huwa kien lesta dawn ix-

xogholijiet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2014. Il- kwerelant ikkonferma li s-Sur Tawfik qatt ma kien ingaggat biex jaghmel dawn ix- xogholijiet minnu jew xi minn minn din il-kumpanija minn Bugeja Developments Limited. Qal ukoll li minhabba dawn il-privileggi huwa kien jinsab f'sitwazzjoni difficli minhabba Ii huwa kellu xi konvenji diga' saru ma klijenti u ghaldaqstant ma setax jiffinalizza dawn il-kuntratti minhabba li s-Sur Tawfik kien ghamilu dan il-privilegg specjali fejn zammlu l-Kumpanija. Ix-xhud stqarret li allura huwa possibbli li s-Sur Tawfik ghamel dawn dawn il-privileggi specjali biex igibu dahru mal-hajt biex jaghtih il-flus li talbu. Ix-xhud spjegat li fis-sittax (16) ta' Mejju 2014 kienet kellmet lill-imputat fejn hu kien mar volontarjament fl-Ufficju tad-Depot. Huwa kien inghata t-twissija skont il-ligi fejn ukoll kien inghata dritt li jista' jikkonsulta ma avukat tal-ghazla tieghu fejn dak iz-zmien kien irrinunzja li jiehu dan id-dritt fil-prezenza ta' PS896 Zammit u PC878 Muscat. Huwa wara dan kien irrilaxxa stqarrija fil-prezenza tat PC878 li liema stqarrija huwa aghzel li ma li ma jiffirmax. L-imputat kien qal li huwa jahdem ghal rasu bhala Gypsum Installer u qal li kien talab lil Avukat Bugeja biex jirregistra f'ismu privilegg specjali biex jigbor flus li hu kien ghandu jiehu minghand Michael Bugeja. Huwa ghazel illi juza dan ir-remedju ghaliex huwa ghamilha diversi drabi ma' nies ohra u spjega illi s-sittax il-elfu tmien mitt euro (€16,800) kienu jirraprezentaw bejn wiehed u iehor disat elef euro (€9,000) ta' xoghol li huwa ghamel fi Frar tat din is-sena fuq Gypsum Boards tat erbatax (14) il-lift f'zewg blokkok f'Santa Venera. Qal li bejn wiehed u iehor elfejn u tmien mitt euro (€2,800) kienu ta' xi zebgha li kien ghamel fl-elfejn u hdax (2011) gewwa kumpless tal-garaxxijiet u li tinsab gewwa I-Gzira. U madwar erbat elef euro (€4,000) fuq manutenzjoni li saret fuq faccata gewwa f' H'Attard fl-

elfejn u hdax (2011). Meta huwa gie kkonfrontat b'dokument fejn huwa ffirma li kien thallas ghal ghal kollox totali tat tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2010, is-Sur Tawfik kien ikkonferma il-firma tieghu u kkonferma d-dokument. Qal pero' li ma jiftakarx ta' liema xogholijiet kien thallas. Huwa kkonferma wkoll li kien jircievi pagamenti minghand is-Sur Michael Bugeja u pero' nsista illi ghal dawn ix-xogholijiet li semma fil-privilegg specjali u cioe' tal-elfejn u hdax (2011) u tal-elfejn u erbatax (2014), huwa ma kienx thallas. Meta gie mitlub jekk izommx xi notamenti huwa qal li huwa ma jzomm xejn u baqa' ma produca I-ebda dokument. Waqt I-interogazzjoni s-Sur Tawfik kien semma' lil certu Diego li kien irreferih mas-Sur Michael Bugeja biex jaghmel dawn ix-xogholijiet gewwa Santa Venera. Il-Pulizija kellmet ukoll lil dan Diego fejn huwa qal li kien gie ingaggat minn mis-Sur Michael Bugeja biex jaghmel dawn ix-xogholijiet f'Santa Venera pero kien maqbud bix-xoghol u ma kienx ha jlesti fiz-zmien ghalhekk kien ftakar illi kellu xi kuntatt ta' Tawfik illi jaghmel dawn ix-xogholijiet u ftiehem mieghu allura biex jaghmel dawn ix-xogholijiet u ftehmu wkoll fuq pagamenti minn qabel. Is-Sur Giordiano stqarr illi dan I-arrangament ma' Tawfik ma kienx jinvolvi lis-Sur Bugeja bl-ebda mod u qalli li filfatt is-Sur Bugeja ma kienx jaf b'dan u l-materjal kollu kien provdih hu. Qal ukoll illi I-ftehim mas-Sur Tawfik kien li jhallsu b'cash u filfatt kien hallsu. Ix-xhud tghid li meta staqsejt lill-imputat minn fejn xtara I-materjal, huwa ma riedx jghid. Ix-xhud ziedet li regghat iltaqghat ma Michael Bugeja fejn talbitu d-dokumenti tal-kuntratti kollha li kellu mas-Sur Tawfik, id-dettalji tal-pagamenti li ghaddew lilu rigward ix-xogholijiet li ghamel u kifukoll il-kuntratti tax-xogholijiet li saru go dawk it-tlett (3) propjetajiet li semma' s-Sur Tawfik fil-privilegg specjali fejn is-Sur Bugeja kien gab fajl li fih jinkludi I-

kuntratti kollha u I-kuntratturi li kienuhadmulu fil-propjetajiet tieghu fejn fl-ebda minnhom ma jidher li s-Sur Tawfik kien ingaggat mis-Sur Bugeja biex jaghmel dawn ix-xogholijiet.

**Michael Bugeja**[5] xehed waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2014 fejn huwa stqarr illi huwa direttur tal-kumpanniji kollha li jaghmlu parti mill-Bilom Group u li l-attivitajiet ta' dawn il-kumpanniji jinkludu ix-xiri u bejgh ta' art, xoghlijiet ta' kostruzzjoni u bejgh ta' appartamenti. Ix-xhud ikkonferma illi kien ilu jaf lill-imputat Isslam Tawfik ghal madwar tmien snin fejn dan tal-ahhar kien hadimlu fuq il-progett *4B's* fil-Gzira kif ukoll fl-izvilupp *Cliff Hanger* f'H'Attard. Ix-xhud qal li l-livell tax-xoghol li inghata fil-progett tal-Gzira ma kienx wiehed sodisfacenti izda xorta hallsu u saret skrittura quddiem Nutara fis-sens illi Tawfik kien thallas kull ma kellu jiehu. Ix-xhud qatt ma rega sema bl-imputat qabel ircieva l-privileggi in kwistjoni. Appena sar jaf bihom, ix-xhud cempel lill-imputat u wara ltaqa' mieghu Birzebbuga fejn qallu li ma kienx ghad fadal xi jhallsu. L-imputat irrisponda illi kellu bzonn il-flus. Ix-xhud iccara illi certu Joe Abela kien jehodlu hsieb ix-xoghol tal-karti. Ix-xhud ikkonferma li fl-20 ta' Dicembru 2010 giet konkluza skrittura mal-imputat fejn fiha gie ddikjarat illi huwa kien thallas in pjen saldu ta' kull xoghol li kien ghamel. Minn dakinhar 'il quddiem, ma kien hemm l-ebda relazzjoni ulterjuri mal-imputat. Ix-xhud ikkonferma illi l-kumpanniji milquta mill-privileggi kienu institwew proceduri civili appoziti sabiex dawn jitnehhew.

[5] Folio 87-98 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2014 xehed ukoll **Diego Giordano**[6] li stqarr illi huwa jahdem bhala gypsum installer u jaf lill-imputat minhabba li dan kien ikkuntattjah biex jahdem mieghu. L-imputat kien identifika lilu nnifsu bhala "Sammy" u x-xhud seta' jaghrfu fl-awla. L-imputat kien lest jahdem bil-fattura, jigifieri bhala speci qisu sub-appaltatur. Dak iz-zmien Giordano kien qed jaghmel xi xoghol fuq blokka tal-Bilom gewwa Santa Venera vicin ta' fejn kien hem mil-fabbrika tas-Seven Up. Ix-xhud ipprovda l-materjal u l-imputat kellu jibda x-xoghol mal-ewwel imma ghalkemm beda, ix-xoghol ma ghamlux kollu u x-xhud jghid li l-imputat dahak bih ukoll. If-ftehim fuq il-prezz kien ser esklussivament bejn l-imputat u x-xhud u s-Sur Bugeja tal-Bilom ma kien involute bl-ebda mod. Ix-xhud jistqarr illi kull meta kien jiltaqa' mal-imutat fuq il-lant tax-xoghol, dan kien dejjem jitkarrab ghall-flus minhabba li kien jghid li kien ikollu t-tifla marida u x-xhud gieli tah xi pagamenti kontanti ta' €50 jew €100. L-ahhar pagament kien tahulu waqt laqgha bil-lejl f'parkegg H'Attard. Ix-xhud kien anke' jinghatlu messaggi jitkarrab ghall-flus. Ix-xhud ikkonferma illi ta' dan ix-xoghol li huwa ghadda lill-imputat, huwa kien thallas kompletament minghand Bilom Group. Il-materjali, u cioe' gypsum boards, hadid u kisi kien xtrahom kollha x-xhud. Ghalkemm l-imputat kien thallas ta' kollox, huwa halla xi elementi mix-xoghol miftiehem nosf lehja u kull meta prova jcempillu x-xhud, huwa ma bedix jirrispondi u lanqas ma hareg ircevuta fiskali dwar l-ammonti percepiti minnu.

[6] Folio 108-118 ta' l-atti processwali

**PC 878 Jurgen Muscat**[7], stazzjonat fl-*Economic Crimes Unit* xehed waqt is-eduta tas-6 ta' Novembru 2014 li kkonferma illi huwa kien prezenti waqt li l-imputat irrilaxxja stqarrija. L-imputat irrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Joseph Abela**[8], li jokkupa l-kariga ta' *General Manager* ma Bilom Finishings Limited. Ix-xhud ikkonferma li fil-passat l-imputat kien ghamel xi xoghol ghall-kumpanniji membri tal-Bilom Group. Ix-xhud seta' jaghraf lill-imputat fl-awla u kkonferma li jafu sewwa minhabba li kien jiehu hsieb johroglu l-pagamenti ghax-xoghol li jidher li kien sar fis-snin 2009-10. L-imputat kien jigi nkarigat jaghmel xoghlijiet ta' kisi u zebgha u kien jithallas wara li jsir il-kejl u johrog il-fattura. Ix-xhud jiftakar illi fl-ahhar tax-xoghol, u cioe' fl-20 ta' Dicembru 2010 kienet saret skrittura quddiem in-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia fejn fiha gie ddikjarat illi l-imputat kien thallas kollox. Wara li saret din l-iskrittura, l-imutat ma regax gie inkarigat b'xoghlijiet. Fil-bidu x-xoghol tal-imputat kien ikun tajjeb izda eventwalment dan beda sejjer lura u ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li jithallas dak li ghandu jiehu u jitwaqqaf. Ix-xhud ikkonferma illi l-imputat qatt ma inghata xoghol fil-blokka ta' Santa Venera fejn il-fabbrika tas-Seven Up li kienet mibnija minn Bugeja Developments Limited izda ma eskludiex li l-imputat gie mqabbad minn xi sub-appaltatur. Ix-xhud rega kkonferma illi l-imputat ma tqabbad mill-ebda kumpannija li taghmel parti mill-Bilom Group. Kien ikun prezenti

[7] Folio 124-126 ta' l-atti processwali
[8] Folio 126A-126L ta' l-atti processwali

fuq il-lant tax-xoghol tal-anqas darbtejn fil-gimgha ghal madwar sitt sieghat b'kollox u matul dawn il-hinijiet qatt ma ra lill-imputat qed jahdem hemm.

Fl-istess seduta xehdet **Dr Amanda Poole**[9] ghan-nom tar-registratur tal-kumpanniji li pprezentat id-dokumenti registrati ta' Bilom Construction Limited (C-48672); Bilom Finishings Limited (C-59846); Bilom Properties Limited (C-48515); Bilom Tiles and Decor Limited (C-62236); Bilom and Bugeja Limited (C-31823); Cliffhanger Developments Limited (C-29507) u Bugeja Developments Limited (C-54641).

Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015 xehed **in-Nutar Dr Pierre Attard**[10] li stqarr illi bis-sahha ta' zewg sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (citazzjonijiet numru 227/2014 u 413/2014) huwa kien ordnat sabiex jikkancella zewg ipoteki jew privileggi specjali li kien hemm registrati minn Issa Isslam Tawfik kontra ghadd ta' kumpanniji formanti parti mill-Bilom Group. Filfatt fit-23 ta' Settembru 2014 gew ippublikati zewg kuntratti li fuqhom kien deher l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores bhala kuratur ghall-kontumaci fejn ikkancellati z-zewg privileggi. In-Nutar kompla jispjega li gie ordnat biex jikkcancella zewg ipoteki jew privileggi specjali li kien hemm registrati minn l-imputat kontra l-imsemmija kumpanija u li fil-fatt hekk ghamel nhar it-23 tas-Settembru 2014.

---

[9] Folio 127-130 ta' l-atti processwali
[10] Folio 148-149 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-30 t'April 2015 xehed **In-Nutar Michael Laferla**[11] fejn gie riferut ghad-dokument ezebit a Folio 27 uspjegapjega illi tali dokument huwa nota ta' ipoteka fejn l-imputat ikkostitwixxa privilegg bil-valur ta' €9,780 ghal xi xoghlijiet li saru fil-proprjeta' ta' Bugeja Developments Limited. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u stqarr li dan kien klijent tieghu. Ix-xhud spjega li hija haga normali li privilegg tat-tip in kwistjoni jigi registrat fuq semplici dekjarazzjoni tal-kuntrattur fis-sena li ghadu ma thallasx. Dak kollu li jitnizzel huwa kif jigi dikjarat mill-klijent. Ix-xhud ikkonferma illi huwa ma kien gie muri l-ebda dokument mill-imputat.

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2015 xhed bil-gurament l-**Spettur Angelo Gafa'**[12] fejn ikkonferma s-sentenza esebita a folio 84-86 ta' l-atti processwali.

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2015 xehdet **in-Nutar Sharon Faith Farrugia**[13] fejn hija giet riferuta ghad-dokument li jisab ezebit a Fol. 21. Ix-xhud ikkonfermat illi dan id-dikument kien sar wara li mar ghandha rapprezentant ta' Cliffhanger Developments Limited, li hija parti mill-Bilom Group u certa Issa Isslam Tawfik maghruf bhala Sammy li hija setghat taghraf fl-awla, u kienet saret skrittura fis-sena li ma ghaqx fadlilhom drittijiet kontra xulxin u li dan Sammy kien thallas kompletament tax-xoghol li kien sar. Ix-xhud kienet issuggeriet illi jitnizzlu l-ismijiet ezatti tal-postijiet fejn sar ix-xoghol izda z-zewg partijiet insistew li kull ma jitnizzel huwa "various construction sites". Din l-iskrittura giet konkluza fl-20 ta' Dicembru 2010.

---

[11] Folio 165-171 ta' l-atti processwali
[12] Folio 173-174 ta' l-atti processwali
[13] Folio 175-177 ta' l-atti processwali

**L-Imputat Issa Isslam Tawfik**[14] xehed waqt is-seduta tat-13 t'Ottubru 2019. L-imputat stqarr illi huwa sar jaf lil Michael Bugeja tal-Bilom meta kien ser jixtri garaxx gewwa H'Attard minghandu bi tpartit ma xoghol. Dan in-negozju thassar u eventwalment, l-imputat iffirma konvenju ghal xi garaxxijiet gewwa San Giljan. L-imputat stqarr illi huwa ma riedx dawn il-garaxxijiet imma beza li jekk ma jaccettax kien ser ibati biex jigbor il-hlas tax-xoghol li skont hu kien ghamel fuq blokkok fil-Gzira, H'Attard u San Giljan ghad-ditta Bilom. Issa skont ix-xhud, jidher li l-garxxijiet li attwalment kienu ser jigu trasferiti ma kienux dak attwalment imwieghda u kellhom diffikulta' ta' access. L-imputat jghid li Michael Bugeja kien qallu li biex jaghtih il-garaxxijiet li kienu diga fuq konvenju, jrid jiffirma dikjarazzjoni li huwa kien thallas ta' kollox u fil-fatt hekk gara meta kienu marru ghand in-Nutar Sharon Faith Farrugia. Ghalkemm l-imputat jghid li nsista li fuq id-dikjarazzjoni jitnizzlu l-ismijiet tal-postijiet li huwa hadem fuqhom, Joseph Abela, rapprezentant tal-Bilom Group, ma riedx. Effettivament il-garaxxijiet inxtraw minn haddiehor li ta dghajsa lill-imputat sabiex issehh ic-cessjoni ta' drittijiet izda kien ghad baqa' bilanc li kien ta' bejn €30,000 u €34,000. L-imputat ikompli jispjega li l-privilegg jikkoncerna xoghol iehor li sar f'H'Attard u l-Gzira li ghalih kien gie inkarigat minn Michael Bugeja stess u Santa Venera Venera fejn kien inkarigat minn certu Diego. Skont l-imputat dan Diego kien qallu "inqabbdek ma xi hadd u rranga mieghu int". Meta mar fuq il-lant, u cioe' dak ta' Santa Venera ra lil Michael Bugeja u rega' qajjem il-kwistjoni tal-hlas ghal xoghol precedenti u talbu sabiex jergghu jiffirmaw karta fis-sens

[14] Folio 189-215 u 225-237 ta' l-atti processwali

li l-imputat ghandu jiehu l-flus. Michael Bugeja kien ippota lejn tabella tal-Bilom Group mal-entrata tas-sit u qallu "dan il-kuntratt taghna". Meta esprima it-thassib tieghu dwar il-hlas ma Diego, dan qallu "tinkwetax ghax hawn jien fin-nofs". L-imputat irrimarka li f'perjodu ta' 20 sena jahdem Malta huwa ghamel madwar sitt privileggi b'kollox. B'referenza ghall-proceduri civil li nfethu fuq l-istess mertu tal-proceduri odjerni, l-imputat spjega illi huwa ma rrispondiex ghat-talbiet ghax ma kellux flus biex jinkariga Avukat u eventwalment inqeda' bl-ghajnuna legali. L-imputat effettivament irregistra l-privilegg specjali bin-numru 3442/2014 fil-valur ta' €16,800 kontra s-segwenti kumpaniji Bilom Construction Ltd C-48672; Bilom Finishings Ltd C-59846; Bilom Properties Ltd C-48515; Bilom Tiles & Decor Ltd C-62236; Bilom and Bugeja Ltd C-31823. Irregistra ukoll il-privilegg specjali 6053/2014 fil-valur ta' €9,780 kontra l-kumapnija Bugeja Developments Limited C-54691. L-imputat qal li in rigward tax-xoghol fil-Gzira u H'Attard, Michael Bugeja kien gieli hallsu permezz ta' cekkijiet imma kien ghad fadal bilanc. Ix-xhud stqarr li sabiex jaghmel ix-xoghol ta' Santa Venera, huwa kellu jissellef il-flus minghand certu Sharon Farrugia sabiex jixtri l-materjal u rega' rreitera li baqa' ma sar ebda ftehim bil-miktub dwar ix-xoghol ta' Santa Venera u b'hekk ir-rati li beda jsemmi ma jienux sostanzjati. L-imputat rega' xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2017 fejn in kontro-ezami huwa kkonferma li huwa jaf bil-Malti u ghandu relazzjoni ma persuna Maltija li maghha ghandu tifla. L-imputat qal ukoll li l-haddiema tal-Bilom li kienu jkunu fuq il-lant tax-xoghol kienu Bulgari u dawn kienu jarawh jahdem. Rigward ix-xoghol ta' Santa Venera, ix-xhud iccara illi huwa kien hallas lil Diego tal-materjal li imbaghad ingieb fuq il-post minn terzi persuni izda ma ghandux ircevuta ta' dan il-hlas.

Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2017 xehdet ukoll **Sharon Farrugia**[15] li stqarret li hija s-siehba tal-imputat u tikkonferma li sellfithu madwar €500 biex seta jibda' x-xoghol. Ix-xoghol kellu jkun ta' gypsum boards madwar il-liftijiet. Il-blokka kienet Santa Venera fejn kien hemm il-fabbrika tas-Seven Up. Hija kkonfermat illi kienet marret fuq il-lant tax-xoghol biex tara ghal xiex kienet silfithu l-flus u hemmek ratu qed jaghmel ix-xoghol. Hija kkonfermat ukoll li l-imputat kien ikollu argumenti fuq it-telefon ma certu Michael tal-Bilom. In kontro-ezami stqarret illi dan ix-xoghol kien qed isir fis-sena 2014 u li in rigward tal-imsemmi self, ma gew maghmula l-ebda skritturi u allura gie moghti fuq l-idejn. Skont ix-xhud, dawn il-flus kienu necessarji sabiex jixtri l-materjal. Ix-xhud ma teskludix li l-imputat gieli haddem xi nies mieghu izda hija ma tafx min u meta u qatt ma rathom qed jahdmu.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Issa Isslam Tawfik ittiehdet nhar is-16 ta' Mejju 2014 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[16].

[15] Folio 243-256 ta' l-atti processwali
[16] Dok YF6 Folio 29 ta' l-atti processwali

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet fl-istess gurnata, u cioe fis-16 ta' Mejju 2014 fil-prezenza ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia u PC878 Jurgen Muscat. L-imputat ghazel li ma jiffirmax kull pagna ta' l-istqarrija.[17]

Illi fl-istqarrija, l-imputat jidhol fid-detall dwar l-fatti relatati mal-kaz inkluz dak kollu li gara sabiex irrizultaw il-privileggi u l-ftehim li kellu ma Michael Bugeja kif ukoll li nnegga l-allegazjonijiet kontrih.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk 1-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie irilaxxata 1-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul 1-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk 1- istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta 1-imputat rrilaxxa 1-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti, huwa irrinunzja[18]. Madankollu ma kien ingħata 1-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul 1-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena

[17] Dok YF7 Folio 30-33 ta' l-atti processwali
[18] Folio 29 ta' l-atti processwali

2016.[19] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ kważi sentejn wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[20] li tirrigwarda l- ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l- Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess*

[19] Fit-28 ta' Novembru 2016
[20] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi nsibu l-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[21] deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-

[21] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt 1-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din ilposizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra 1-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret flistqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi 1-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[22] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat

[22] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali:
Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet irraġuni għala sabet li 1-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li fhares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu 1-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela x' “aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu millistqarrija, u 1-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir....
Għalkemm din il-qorti tenunen u ttenni illi 1-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa talprosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din 1-interpretazzjoni - ghallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm - ilium ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta moghtija dan 1-ahhar mill-Qorti Ewropea. Din il-qorti ghalhekk ilum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq 1-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza 1-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-Qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tal-lum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu flintier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li 1-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu 1-attur ammetta 1-ħtija. Fiċċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet 1-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

anki f'ċirkostanzi meta l- persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l- avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[23] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[24] fejn il-Qorti rretniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali6 , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta'*

[23] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[24] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta ttieħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[25]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[26]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[27] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom*

[25] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[26] Folio 14 tas-sentenza
[27] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[28]

Illi din is-sentenza gie recentemet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[29]

Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, u wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari dwar l-imputat, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul 1-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li 1-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġi b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta din 1-istess stqarrijia u ma tqisiex bħala prova f dawn il-proċeduri.

[28] Folio 25 tas-sentenza

[29] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

**Ikkunsidrat**

**Ezami tal-provi**

Illi l-imputat kien irregistra privilegg specjali bin-numru 3442/2014 kontra s-segwenti kumpaniji[30]:

- Bilom Construction Ltd – C48672
- Bilom Finishings Ltd – C59846
- Bilom Properties Ltd – C 48515
- Bilom Tiles & Décor Ltd – C62236
- Bilom and Bugeja Ltd – C31823

F'dan il-privilegg specjali li kien gie rregistrat fir-Registru Pubbliku l-imputat iddikjara illi huwa ghandu jiehu minghand dawn is-socjetajiet is-somma ta' €16,800 rapprezentanti prezz ta' materjal fornut u xoghol ta' tikhil u tibjid minnu ezegwit fi tlett propjetajiet li fl-imsemmi privilegg specjali huwa ndika bhala li huma propjeta' tal-fuq imsemmija socjetajiet li kontra taghhom huwa skriva dan il-privilegg, u cioe' l-blokk ta' bini bl-isem 'Coventry Court' fi Triq Dr. Guze Miceli, Gzira, il-korp ta' bini maghruf bhala 'Tar-Razzett Complex' fi Triq il-Mithna, Attard, u l-korp ta' bini maghruf bhala 'Amber Court' fi Triq Hal-Qormi, Santa Venera.

Sussegwentement kien irregistra t-tieni privlegg specjali quddiem in-Nutar Dr. Michael Laferla[31].

Illi mil-provi prodotti rrizulta li is-socjetajiet mertu tal-privilegg specjali qatt ma taw ebda kuntratti t'appalt lil l-imputat u qatt ma kellhom

[30] Dok YF4 Folio 25-26 ta' l-atti processwali
[31] Dok YF5 Folio 27 ta' l-atti processwali

x'jaqsmu ma l-imputat jew in-negozju tieghu kif ukoll li whud minnhom ghadhom ma joperawx jew gew registrati ricentement ghal dak iz-zmien.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

L-imputat huwa akkuzat tali:

*Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentikuu pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat,b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloqpattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minnobbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet,obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara lijkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli,dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhomikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**[32]

F'dan il-kaz, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward tal-**artikolu 183**, tghallem hekk:

> *"Hu evidenti li n-natura pubblika ta' dokument u n-natura ta' dak id-dokument bhala wiehed "awtentiku" ma tigix nieqsa bis-semplici fatt li tkun saret ilfalsifikazzjoni f''dak listess dokument (fit-test tieghu jew fil-firma jew firem), ghax altrimenti ebda att "awtentiku u pubbliku" ma jkun jista'' qatt jigi falsifikat ghall-finijiet tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza, li ghaliha ghamel referenza*

[32] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) nhar il-22 ta' Ottubru 2004.

*anke l-abbili difensur ta' l-appellant, moghtija mill-Qorti Kriminali kollegjalment komposta fil-11 ta' Dicembru, 1953 fl-ismijiet Il-Maesta` Taghha r- Regina v. Guzeppi Zahra u hi tal-fehma li f''dan il-kaz id-Dokument BZ1 jammonta ghal dokument "awtentiku u pubbliku" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-ligi.*

*Biex dokument jikkwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehtieg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att.*

*S'intendi, jekk ma jkunx fil-fatt gie maghmul minn "ufficjal pubbliku" ghax ilfirma tal-ufficjal pubbliku tkun giet falsifikata minn xi hadd iehor, ma jigix nieqes l-element numru (3): ghall-kelma "rilaxxjat" ghandha tinqara l-espressjoni "apparentement rilaxxjat" (purporting to be issued) minn dak l-ufficjal pubbliku. Hekk ukoll, meta wiehed jirreferi ghall-"formalitajiet mehtiega", ma jfissirx neccessarjament li nuqqas zghir ta' formalita` li ma jkunx essenzjali biex jaghti fidi pubblika jew awtenticita` lil dak l-att igib bhala konsegwenza li dak l-att ma jkunx wiehed pubbliku jew wiehed awtentiku: wiehed ghandu jhares lejn dak li hu essenzjali ghall-forma u mhux dak li hu marginali. Ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina id-Dok. BZ1, bhala suppost kopja ta'' kuntratt ta'' bejgh u xiri ta'' art, kien intiz sabiex jaghti fidi pubblika tal- kontenut tieghu. Ma hemmx dubbju wkoll li dan gie apparentement maghmul minn ufficjal pubbliku – Nutar – u ghalhekk in kwantu ghar-rekwizit ta'' att "pubbliku", dan ir-rekwizit jirrizulta."*

Issa f'dan il-kaz, l-allegazzjoni ma tirrizultax wahda fejn l-imputat, altera u konsegwentement iffalsifika xi dokument awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, kif jitlob l-artikolu 183. Wara li l-Qorti gharblet il-provi prodotti, inkluz b'mod partikolari dik moghtija mill-parti leza, Michael Bugeja, fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' diversi socjetajiet effettwati mill-privilegg iskritt mill-imputat, jidher bic-car li l-ilment ewlieni huwa li l-imputat, tajjeb jew hazin, ghamel uzu minn procedura kontemplata fil-Kodici Civili, ossija dik taht l-artikolu 2010 tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn, skond il-prosekuzzjoni, abbuza mill-istess procedura peress li ma kienx minnu li wettaq xogholijiet favur uhud minn dawk il-kumpanniji, ma kienx minnu li wettaq xogholijiet u li dawn ma kinux imhallsa, u li ma kienx minnu li x-xogholijiet kienu tlestew xahrejn qabel l-istess iskrizzjoni. B'hekk, l-allegazzjoni hija li l-imputat, ghamel uzu minn att, li appena dan jigi registrat, m'hemmx dubju li jitqies li huwa wiehed pubbliku, li fih ghamel dikjarazzjoni inveritieri u/jew qarrieqa biex jipprova jilwi jdejn l-allegat kreditur tieghu biex jottjeni hlas mhux dovut.

Dan is-sunt tal-fatti juri bic-car li ma tezisti ebda allegazzjoni li l-imputat iffalsifika xi dokument awtentiku u pubbliku pre-ezistenti ghall-agir tieghu. Ghall-kuntrarju, jidher li l-allegazzjoni hija li l-imputat *holoq* dokument li fih ghamel dikjarazzjoni li m'ghandhomx mis-sewwa.

Ghalhekk, l-ewwel imputazzjoni ma treggix u l-Qorti ser tghaddi biex ma ssibx htija dwar l-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni**

B'referenza issa, ghat-tieni imputazzjoni ossija dik a tenur tal-**artikolu 184** tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tqis li lanqas din l-imputazzjoni ma tista' treggi. Dan l-ghaliex, ghalkemm dan l-artikolu mhuwiex intiz biex jippunixxi min *jiffalsifika*, huwa intiz biex jippunixxi min, xjentement, jaghmel uzu minn att, kitba jew skrittura kif definiti u deskritti fl-artikolu 183, u dan minkejja li ma jkunx iffalsifika tali att, kitba jew skrittura hu.

Ghal kull bwon fini, din il-Qorti qeghda tirriproduci t-test ta' din id-disposizzjoni li tghid hekk:

> ***184.*** *Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.*

Kif gja' inghad, f'din il-kawza ma ngiebet ebda prova li kien hemm xi dokument, att, kitba jew skrittura (hekk kif definiti fl-artikolu 183) li gie falsifikat, anke jekk mhux mill-imputat. Il-falsifikazzjoni ma tfissirx in-nuqqas ta' vericita' tal-kontenut ta' dokument, izda tfisser l-att li bih persuna taltera dokument, att, kitba jew skrittura hekk kif definiti, b'mod li ma tibqax tirrifletti r-realta' jew il-verita' li d-dokument, att, kitba jew skrittura originali jkun jikkontjeni. Dan kollu, f'din il-kawza, ma jirrizultax.

Ghalhekk, l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll stante li t-tieni imputazzjoni ma treggix u l-Qorti ser tghaddi biex ma ssibx htija dwar it-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni, a differenza mill-imputazzjonijiet l-ohra, ma tehtiegx li jkun hemm dokument falz. Fil-fatt, din l-imputazzjoni tittratta dokument 'genwin' li pero' jkun jikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz. Id-dokument ghalhekk ma huwiex wiehed falz. L-**artikolu 188** jghid hekk:

> ***188.*** *(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
>
> *Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*
>
> *(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, id-difensur tal-imputat jargumenta illi l-**artikolu 2010 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi kawtela lil dawk il-kredituri li jwettqu xogholijiet u jipprovdu materjal favur persuni ohra, f'xi proprjeta' immobbli. Il-privilegg, skond id-difensur tal-imputat, iservi ta' garanzija jew kawtela, izda jekk in-nuqqas ta' hlas jippersisti, xorta wahda l-kreditur privileggjat ikollu jistitwixxi proceduri ghall-kanonizzazzjoni ta' dak il-kreditu. Prattikament, isostni li hija l-ligi stess li taghti d-dritt lil kredituri, bhall-imputat, jikkawtelaw xogholhom, u li b'daqshekk, ma jistax jitqies hati ta' xi reat kriminali.

Madankollu, id-disposizzjoni ta' l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali huwa car, u jippunixxi lil kull min, sabiex jikseb vantagg, beneficcju, jew qligh, b'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, jaghmel dikjarazzjoni falza jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz.

Il-ligi hawnhekk bhal donnha qeghda tippunixxi proprju lil min jabbuza f'sitwazzjonijiet identici ghal dawk tal-imputat, in kwantu tali agir, il-ligi tqisu bhala wiehed kriminali.

Kif gja' inghad, fil-kaz in mertu, non si tratta ta' dokument falsifikat izda ta' dokument li fih informazzjoni falza. Il-gurisprudenza nostrana fil-fatt taghmel differenza bejn il-*falz ideologiku* u l-*falz materjali*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2007) gie kkunsidrat li:

> '*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Galea moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-*

*differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss issinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*[1]

Issa fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raphael Agius** (deciza fit-30 ta' Ottubru 2018) l-istess Qorti tghallem illi:

*"ai fini tad-dottrina in tema ta' falsita' u sabiex effettivament jissussistu r-reati kkontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, irid necessarjament ikun hemm dokument, u f'dan ir-rigward, il-kazistika kopjuza tal-Qrati taghna iccitat id-definizzjoni ta' Antolisei ta' dokument bhala strument li fih kitba attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espozizzjoni ta' fatti jew ta' volonta'. Kwindi fid-dawl ta' dan linsenjament, kitba mhix necessarjament sinjal alfabetiku, izda tinkludi wkoll numri u sinjali ohra bhal ma huma dawk stenografici jew kriptografici, kif ukoll pjanci ta' registrazzjoni ta' vetturi, kemm –il darba, pero', illi din il-kitba tesprimi hsieb li jkun miftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, indelibbli jew li jistghu jithassru, u fuq kwalsiasi mezz anki jekk il-messagg ikun wiehed ta' natura temporanja.*

…

*Illi ghalhekk, ghal dak illi jirrigwarda l-uzu tal-pjanca ta' registrazzjoni HBP 379, hawnhekk ghandna kaz ta' <u>dokument genwin</u> illi permezz tieghu, l-awtur qieghed jipprova jaghti taghrif falz b'abbuz ta' awtorita' pubblika sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu. Ghalhekk, jidher manifestament, kif l-elementi li jirrikjedi l-Artikolu 188 (1) tal-Kodici Kriminali sabiex tinstab htija abbazi tieghu huma kollha sodisfatti. Ghal darba ohra, hawnhekk ma kienx kaz ta' jekk il-vettura in kwistjoni nstaqitx jew jekk xi hadd rax lill-appellat isuqha, ghaliex dak illi jrid l-Artikolu 188 (1) sabiex tinstab htija huwa li l-awtur tal-falsifikazzjoni jaghmel*

*dikjarazzjoni falza f'xi dokument mahsub ghall-awtorita' pubblika, jew jaghti taghrif falz, fatti li jirrizultaw ampjament mill-provi prodotti."*

Issa f'dan il-kaz, mill-assjem tal-provi, din il-Qorti thossha konvinta li l-kontenut tal-iskrizzjonijiet ezebiti bhala Dok YF4 u Dok. YF5 (a fol. 25-27 tal-process) m'ghandhomx mis-sewwa. Mill-assjem tal-provi, inkluz mill-fatt li l-imputat lanqas biss indenja ruhu jikkontesta l-kawzi civili istitwiti mill-Bilom Group, jirrizulta ampjament car li l-imputat kien jaf ben tajjeb x'ghamel b'idejh u kien jaf tajjeb ukoll ghalxiex kien qed jaghmilha. Mill-provi jirrizulta li l-imputat kien prova jisforza lil Bilom Group ihallsu ta' xoghol li mhux vera kien wettaq, u specjalment wara li kien ftiehem li thallas ghas-saldu.

Ghalhekk, din il-Qorti jhossha moralment konvinta li d-dikjarazzjonijiet u stqarrijiet li l-imputat ghamel fl-iskrizzjonijiet hawn fuq imsemmija huma foloz, u meta ghamilhom, kien jaf tajjeb li kienu inveritieri. Din il-Qorti bla tlaqliq tqis li dak li jghid l-imputat, kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda quddiem din il-Qorti stess, m'ghandux mis-sewwa. Ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhiex dubju mix-xjenza tal-imputat meta talab lill-avukat tieghu u n-Nutar tieghu sabiex jippreparawlu l-iskrizzjonijiet relattivi. Il-Qorti tissottolinea wkoll li l-elementi l-ohra tal-artikolu 188 jinsabu wkoll soddisfatti. Id-dokument tal-iskrizzjoni tal-privilegg huwa dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, f'dan il-kaz, ir-Registru Pubbliku u certament, in kwantu din il-Qorti tqis li d-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokumenti huma foloz, jaghtu vantagg car – f'dan il-kaz, ta' kreditu – favur l-imputat.

Ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-elementi kollha mertu tat-tielet imputazzjoni gew soddisfacjentement ipprovati, u l-imputat ghandu jinstab hati ta' l-istess.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba imputazzjoni**

Din il-Qorti m'ghandhiex ghalxiex telabora wisq aktar anke fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, u dan peress li anke f'dan il-kaz, l-**artikolu 189** (mertu tar-raba' imputazzjoni) jezigi l-element tal-'falsifikazzjoni'.

L-artikolu 189 jaqra hekk:

> ***189.*** *Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*

Anke hawnhekk, la jirrizulta li l-imputat wettaq falsifikazzjoni ta' xi dokument, u lanqas ma jirrizulta li ghamel uzu minn dokument fals. Ghalhekk, anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-imputat ghandu jigi liberat u l-Qorti ser tghaddi biex ma ssibx htija dwar ir-raba' imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Il-hames imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi ghal (hekk kif jinqara fin-notament ma' genb l-istess disposizzjoni), ghal "*min jaghmel jew igib dokument falz*".

Dan l-artikolu mbaghad, jaqra hekk:

> *Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz.*

Kif gja' inghad, minn imkien ma jirrizulta l-ezistenza ta' dokument falz kif titlob il-ligi u ghalhekk anke f'dan ir-rigward, gjaladarba ma jirrizultax l-imputat *ghamel* jew inkella *gab* dokument *falz*, din il-Qorti sejra tilliberah anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Is-sitt imputazzjoni**

Is-sitt imputazzjoni hija dik dwar spergur fi proceduri civili.

L-**artikolu 106** jghid hekk:

> ***106.*** *(1) Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.*

*(3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f 'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).*

Issa jidher li l-prosekuzzjoni ghazlet li tixli lill-imputat biss bir-reat kontemplat taht is-subinciz (3) tal-artikolu 106.

Fil-kors tal-gbir tal-provi, inkluz fl-istqarrija tal-imputat innifsu, jinghad illi l-imputat ha gurament fuq zewg dokumenti, wiehed preparat mill-Avukat tieghu, Dr Victor Bugeja, u iehor preparat min-Nutar Dottor Michael Laferla. L-imputat fl-istqarrija tieghu, (u anke fix-xhieda tieghu stess) jghid li hu ha gurament, fiz-zewg kazijiet, li dak li l-kontenut tad-dokument intiz ghall-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku, kien minnu.

Din il-Qorti, ghall-finijiet ta' kompletezza, sejra taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Cauchi** (deciza fis-7 ta' Frar 2013) fejn l-istess Qorti, fir-rigward tal-artikolu 106, iddecidiet hekk:

*Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-ispergur a tenur tal-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' bir-reat hekk imsejjah judicial jew legal*

*perjury. Dana jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti.*

*L-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi lelementi li jsawwru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz-zewg istanzi. X'inhuma ghalhekk lelementi legali li huma necessarji sabiex tista' tinstab htija ghal dana r-reat.*

*[omissis]*

*Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.*

*Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura tal-affidavit li issa saret parti mill-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-ratio ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:*

*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui,*

*l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

*Fuq l-istess vena ighid l-Antolisei:*

*"L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena….. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza.*

*Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal miscarriage of justice, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghall-gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawwru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo finnotamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana r-reat tal-judicial perjury cioe':*

*"(i) a testimony given in a cause.*

*(ii) on oath lawfully administered by the competent authority.*

*(iii) Falsity of such testimony in a material particular.*

*(iv) willfulness of such falsity or criminal intent."*

*Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:*

***"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision."***[33]

*It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u* ***cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament*** *li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza."*

Din il-Qort tista' tieqaf hawn fir-rigward ta' din l-imputazzjoni: qabel xejn, minn imkien ma jirrizulta li sar xi affidavit, u minn imkien fl-atti ma jezisti xi dokument guramentat mill-imputat. Inoltre, lanqas ma jirrizulta li nghatat xi gurament falz min-naha tal-imputat f'xi kawza kontenzjuza kif jehtieg l-artikolu 106. Ghall-kuntrarju, jirrizulta mis-sentenzi tal-kawzi civili konnessi ma' dan il-kaz (Dok. MB1 u Dok MB2 a fol. 99-107 tal-process), li l-intimat la wiegeb ghall-istess kawzi u lanqas ressaq xi

[33] Enfasi ta' din il-Qorti.

sottomissjonijiet, hekk kif inhu d-dritt ta' konvenuti kontumaci f'kawzi civili.

Ghalhekk, din il-Qorti, ghar-ragunijiet kollha hawn spjegati, tqis li lanqas is-sitt imputazzjoni ma tirrizulta, u sejra allura tillibera lill-imputat minnha wkoll.

**Ikkunsidrat**

**Is-seba' imputazzjoni**

L-imputat gie mixli wkoll bir-reat tar-rikatt taht l-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu gie emendat bl-Att Numru XXIV tal-2014 li dahal fis-sehh fl-1 ta' Awissu 2014. L-imputazzjonijiet odjerni, izda, jirreferu ghal Mejju 2014 u x-xhur ta' qabel. Bl-Att XXIV tal-2014, il-piena ghal dan l-artikolu giet awmentata ghal dak li taqra d-disposizzjoni llum. Qabel dan l-Att, l-artikolu 250 (1) kien jimporta piena ta' bejn hames xhur sa tmintax-il xahar, u s-subartikolu (2) kien jimporta piena ta' seba' xhur sa tliet snin.

L-artikolu 250 jaqra hekk:

> '*Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra,jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew*

*kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik ilpersuna jewpersuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati...'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Ashraf Elbakry** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Jannar 2014 jinghad hekk:

*'Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal lelementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat talestorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew lucro u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill- vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. Illi fil-kawza il-Pulizija vs Edgar Apap deciza it-13 ta' April 1957 il-Qorti kienet studjat funditus l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:*

*"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."*

*Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna. Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tarrikattatur ma*

*tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal- Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:*

*"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' ingurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna."*

*Illi ghalhekk bl-emenda introdotta kull persuna li taghmel rikatt fil-konfront ta' persuna ohra u dana sabiex iggieghel lil dik il-persuna taghmel xi haga jew tonqos milli taghmel xi haga hija hatja ta' dana ir-reat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Marzu 2015, gie kkunsidrat li:

'Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun jaf ghalfejn Farrugia temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' Farrugia biex jilhaq dan il-ghan.

Ill **<u>pero l-artikolu 250 fuq kwotat jirrikjedi ukoll li biex l-imputat jilhaq dak l- iskop irid ikun ghamel theddied fil-konfront tal-</u>**

**vittma, u li dan it-theddied ikun li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il- persuna jew persuna oħra**[34].

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li "hedded" bih l-imputat kien li ser jipprezenta ruhu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex jixhed fil-proceduri ta' annullament ta' Farrugia. Hu "hedded" ukoll li ser ikellem li xi persuni "influwenti" fit-Tribunal Ekklesjastiku u anke li ser iwassal biex Farrugia ma tiehux l-annullament. X'kien ser jghid l-imputat lil dawn in-nies, jew x'kien ser jixhed kieku gie accettat bhala xhud quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jirrizultax; ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ser jaghmel xi malafama fil- konfront ta' Farrugia. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien ser jaghmel xi denunzja jew kwerela kontra Farrugia.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa mankanti element essenzjali tar-reat in ezami li ghalhekk ma jistax jissussisti.

Issa anke f'dan il-kaz, minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi forma ta' theddid ta' denunzja jew ta' malafama tal-parti leza. Ghall-kuntrarju, jidher li l-imputat qabad u rregistra l-privileggi ad insaputa tal-parte civile.

Ix-xhud **Michael Bugeja**, direttur tal-Bilom Group, fil-fatt jghid hekk:

[34] Enfasi ta' din il-Qorti

*"Il-Gzira l-4B's. 4B's, il-Gzira fejn hem mil-pixxina u kien hadimli hemmhekk imma x-xoghol tieghu m'ghogobnix u waqqaftu, hallastu ta' kollox, ghamiltlu karta bin-Nutara, bin-Nutara, bin-Nutara li m'ghandi ntih xejn u spiccajt.* ***U minn dakinhar l' hawn jien ma rajtu qatt hlief meta rcivejt il-privileggi****…"*[35]

Ghalhekk, minn imkien ma jirrizulta li l-imputat irrikatta lil xi hadd b'theddid ta' denunzja jew ta' malafama, hekk kif jehtieg l-artikolu 250. Ghall-kuntrarju, jidher li l-imputat qabad u rregistra l-privileggi sabiex, skond Bugeja tal-Bilom Group, jirrikattah bihom biex jaghmel xi qligh mhux dovut. Din is-sitwazzjoni, pero', mhijiex ravvizata fl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali, li, ghall-kuntrarju, jittratta dak li bl-Ingliz nafuh bhala *blackmail* u jehtieg li jkun hemm theddida ta' denunzja jew theddida ta' malafama. Dan l-element kostituttiv tar-reat, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ma jirrizultax, u ghalhekk, l-imputat ser jigi liberat anke minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tmien imputazzjoni**

Ghall-istess ragunijiet spjegati fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tmien imputazzjoni, ossija dik ravvizata bl-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

[35] Xhieda ta' Michael Bugeja a fol. 88

**Id-disa' imputazzjoni**

Illi l-imputat tressaq tali sar recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza ta' appell bin-numru 342/05 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif kienet ippreseduta mill-Imhallef J. Galea Debono LL.D fit-2 ta' Frar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-ufficjali prosekutur li mexxa l-kaz[36] kif ukoll il-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali[37].

Illi din is-sentenza li kienet giet ikkonfermata fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet simili fis-sens li kienet titratta dwar ix-xoghol ta' l-imputat u kif imexxi n-negozju tieghu hekk kif jirrizulta f'dan il-kaz. F'din is-sentenza l-imputat kien gie ikkonfermat hati wara li kien diga ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu quddiem l-ewwel Qorti u kien ikkundannat skond l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat tressaq a bazi tal-ksur ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

l-artikolu 49(1) jistqarr:

*(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

[36] Xhieda Spettur Angelo Gafa' Folio 173 ta' l-atti processwali
[37] Folio 5-8 ta' l-atti processwali

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi f'dan il-kaz filwaqt li l-imputat jista jigi meqjus bhala recidiv jirrizulta b'mod car li l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghal kaz in kwistjoni.

Mill-fedina penali ta' l-imputat, ghalkemm mhiex netta, ma jirrizultax illi l-imputat kellu kundanni ta' prigunerija hlief ghal terminu ta' prigunerija ta' xahar kwazi ghoxrin sena ilu fuq mertu kompletament differenti ghal dan il-kaz. Mill-bqija ma jirrizulta xejn alarmanti mill-fedina penali.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Philip-Mario Chircop**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Novembru 2006 minn l-Onor. Imhallef David Scicluna, il-Qorti stqarret li:

*"Issa, mill-istess fedina penali jidher illi l-pieni kollha nflitti fuq l-appellant gew skontati certament aktar minn hames snin qabel id-data tad-delitti odjerni u konsegwentement l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma kienx applikabbli f'dan il-kaz. Ghalhekk l-ewwel Qorti legalment setghet timponi fuq l-appellant sentenza ta' prigunerija sospiza b'dan illi kellha ssib li l-appellant sar recidiv biss skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u mhux ukoll skond l-artikolu 50, kif sejra taghmel din il-Qorti fl-interessi tad-dettami tal-ligi u talgustizzja. Inoltre sejra taghmel ordni ta' supervizjoni kif previst mill-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali."* [sottolinear emfazi ta' din il-Qorti].

**Decide**

1) Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 18, 49, 183, 184, 188, 189, 103, 106(3), 250, 108(1)(a) u 108(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill imputat Issa Isslam Tawfik mhux hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien imputazzjoni migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena, izda **hati** tat-tielet u tad-disa' imputazzjoni kif migjuba kontrih u konsegwentement tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali din il-Qorti tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar millum, l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

Illi fir-rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba stante li ma gew mahtura ebda esperti jew periti fil-proceduri.

**Deciza moghtija illum nhar is-16 ta' Gunju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**